# ĦAL BALZAN

IT-TIELET SENA Nru. 13 | LEĦEN IL-KUNSILL ĊIVIKU | SETTEMBRU/OTTUBRU 1973


### SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN (13)

# IL-KNISJA PARROKKJALI (I)

minn Dun Ġwann Dimech

**WARA LI TKELLIMNA FIT-TUL DWAR IL-KNEJJES IŻ-ŻGĦAR TA' ĦAL BALZAN, MA NISTGĦUX NITKELLMU ISSA FUQ ĦAĠ'OĦRA ĦLIEF FUQ IL-K N I S J A PARROKKJALI TAGĦNA. DAN SE NAGĦMLUH MHUX GĦAX M'HEMMX XI TGĦID IŻJED DWAR DAN IR-RAĦAL, GĦAD HEMM ĦAFNA XI TGĦID DWAR L-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN, GĦAX MILLI JIDHER AKTAR MA TIDĦOL 'IL ĠEWWA U TFITTEX F'ARKIVJI U TQALLEB DOKUMENTI, U XI DRABI MSEJKNA GĦAJNEJK, AKTAR JINFETĦULEK ORIZZONTI ĠODDA LI JAGĦTUK ĦJIEL TA' FATTI LI JSAĦĦRUK U LI, JEKK ALLA JRID, GĦAD NURUHOM ID-DAWL U B'HEKK INKUNU NISTGĦU NAPPREZZAW AKTAR WIRT IR-RAĦAL TAGĦNA KIF UKOLL NAGĦRFU AKTAR IL-FROTT TAL-ĦIDMA BLA HEDA TAL-BALZANIN TA' QABILNA.**

**Iżda nħoss li nkun qed nonqos u nagħmel tort lill-antenati tagħna jekk ma nibdiex issa minn din id-darba sensiela ta' artikoli li jittrattaw dwar il-Knisja Parrokkjali tagħna. Għax kif din il-Knisja Parrokkjali, bil-pożizzjoni tagħha fiċ-ċentru tar-raħal, għat-304 snin li għaddew okkupat iċ-ċentru tal-qalb ta' kull Balzani, hekk ukoll għadha tokkupa l-istess pożizzjoni fil-qalb ta' kull Balzani tal-lum.**

**ŻEWĠ MISTOQSIJIET**

Meta llum tħares lejn din il-Knisja hekk kbira u xejn inqas majestuża u tiftakar li nbniet tliet mitt sena ilu, trid jew ma tridx weħedhom jiġuk żewġ mistoqsijiet. L-ewwel waħda tgħid: "Kemm kien hawn nies f'Ħal Balzan tliet mitt sena ilu biex setgħu jibnu tempju ta' dan id-daqs?" It-tieni mistoqsija tiġi wara ta' l-ewwel, u tgħid: "X'kien il-motiv li għalih il-poplu Balzani bena din il-Knisja?"

Nibda biex inwieġeb għall-ewwel mistoqsija u ngħid li, skond ma jirrelata Mons. Isqof Fra Luqa Bueno, fil-Viżta Pastorali li għamel lil din il-Parroċċa nhar it-30 ta' Diċembru ta' l-1667, sentejn qabel it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla ta' din il-Knisja, f'Ħal Balzan kien hawn biss 550 ruħ, li minnhom 80 kienu bejn tfal, morda u inkapaċitati. Igħid ukoll li kienu joqogħdu f'140 lok. (1) Dan juri li hu numru żgħir apparagun tal-popolazzjoni tal-lum li tilħaq aktar minn 3000 ruħ, kif ukoll meta mqabbel man-numru ta' nies li kien hawn fl-1575 li, skond kif igħidilna l-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietru Duzina fil-Viżta Pastorali tiegħu ta' l-1 ta' Frar ta' dik is-sena, kien ta' 350 ruħ f'60 lok. Għalhekk, meta wieħed jara l-iżvilupp tal-popolazzjoni ta' Ħal Balzan tul dawn it-tliet mitt sena, wieħed jifhem ċar li dawk in-nies twajbin u fl-istess ħin għaqlin, meta ġew biex jibnu l-Knisja Parrokkjali tagħhom, ħasbu li jkollhom Knisja kbira biżżejjed mill-ewwel biex tkun kapaċi tilqa' fiha mhux biss lilhom, li kif għedna kienu biss 550, iżda wkoll il-parruċċani tal-lum. Għalhekk il-pjanta ta' din il-Knisja saret darba u qatt ma ġiet imbiddla: la biex tiġi mkabbra u aktar u aktar biex tiġi mċekkna.

Kemm naqraw dwar tibdil u żidiet fil-pjanti ta' knejjes parrokkjali ta' rħula oħra? Ftit huma dawk il-knejjes parrokkjali li ma kenux jikkonsistu f'korsija biss, u wara żidulhom il-kappelluni u aktar tard il-koppla u forsi wkoll in-navi. Iżda mhux hekk għall-Knisja Parrokkjali tagħna. Mill-ewwel ġiet mibnija kif narawha llum. Ma naħsibx li ma kienx hemm min forsi dak iż-żmien, bħal kull żmien ieħor, ipprova jikkritika l-kobor tagħha, iżda s'issa għadni ma sibt miktub xejn minn dan, u nittama li ma nsib qatt. Għaliex, forsi wieħed jistaqsi? U t-tweġiba neħduha minn dan li ġej.

Għat-tieni mistoqsija nwieġeb li f'Ħal Balzan dejjem kien hawn nies li ħassew fihom id-dmir tar-reliġjon u kien preċiżament għalhekk li dejjem fittxew li jibnu viċin ta' djarhom id-Dar tat-Talb, jew aħjar Knejjes u Kappelel, fejn ikunu jistgħu jinġabru u jagħtu qima flimkien lil Alla. Dwar dan minix ser intawwal għax issa, wara l-istudji li għamilna flimkien tal-Knejjes iż-żgħar, nafu li kien hawn dawn il-knejjes: il-Knisja ta' l-Annunzjata l-qadima; ta' San Mikiel; tat-Twelid ta' Marija; ta' Santu Rokku; ta' San Anard; knisja oħra żgħira ta' l-Annunzjata u l-Knisja ta' Santa Marija mibnija tliet darbiet. B'hekk ġo Ħal Balzan kien hawn żmien meta kien hawn seba' knejjes f'daqqa li fihom in-nies setgħu jagħtu qima 'l Alla. Kien għalhekk dan is-sentiment reliġjuż li kien iqanqal lill-Balzanin jibnu dawn il-Knejjes. Iżda jekk il-Knejjes iż-żgħar huma xhieda ta' dan is-sentiment reliġjuż u turija tal-konvinzjoni tal-Balzanin li waslu biex bnewhom, kemm u kemm aktar taw xhieda ta' dan meta bil-kuraġġ kollu waslu biex jibnu tempju hekk majestuż bħalma hi l-Knisja Parrokkjali?

(1) Bueno L.: Visit. Past. fol. 23 Ark. Arċiv.



**Il-Knisja Parrokkjali tidher tifrex ħarsitha fuq id-djar kollha ta' Ħal Balzan.**

## MILL-KUNSILL ĊIVIKU

* Laqgħa Ġenerali tal-Kunsill Ċiviku - Balzan saret nhar l-Erbgħa 18 ta' Lulju 1973. F'din il-laqgħa ġie deċiż li għal darb'oħra jinġabar bukkett fjuri mill-membri tal-Kunsill għal quddiem l-istatwa ta' l-Annunzjata fil-festa titulari. Ġie deċiż ukoll li lejlet il-festa jsir 'tour' għat-turisti madwar il-Knisja Parrokkjali.

Il-Kunsill tagħna reġa' kien mitlub jibgħat ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu għall-għoti tal-"Midalja tal-Meritu". Din is-sena l-Kunsill Ċiviku - Balzan irrakkomanda lis-Sur Gabriel Caruana, artist Balzani, u lil Dr. Paul Farrugia, M.D. (Genova), li llum huwa l-ambaxxatur ta' Malta fis-Santa Sede.

F'din il-laqgħa ġew suġġeriti wkoll xi ismijiet li l-Kunsill Ċiviku beħsiebu jressaq quddiem il-kumitat inkarigat mill-ismijiet tat-toroq. Bħalissa f'Ħal Balzan għandna pjazzetta u erba' toroq ġodda li għadhom bla isem. It-triq ta' wara l-Knisja li tidħol għaliha mill-pjazza tar-raħal ġie suġġerit li tisemma 'Triq San Gabriel'. It-tliet toroq l-oħra ġodda ta' ħdejn il-Linja ġie suġġerit li jissemmew għal tliet Balzanin prominenti — waħda għal Giuseppe Frendo, li kien il-mexxej tal-Balzanin kontra l-Franċiżi u rappreżentant fuq il-Kunsill li kien ħatar Sir Alexander Ball; l-oħra għall-Professur John Borg, M.A., M.D., tabib u awtur, u botanista msemmi; u l-oħra għall-Konti Bernardo Manduca, bniedem filantropiku u benefattur tar-raħal. Dwar il-pjazzetta, ġie suġġerit li billi din tinsab f'tarf ir-raħal qrib il-Kulleġġ San Lwiġi għalhekk tissemma 'Pjazza San Lwiġi'.

* Nhar il-Ħamis, 16 ta' Awwissu 1973, saret laqgħa bejn il-membri tal-Bord Editorjali ta' din il-gazzetta u Dun Ġwann D'mech. Din il-laqgħa saret fuq talba tal-membri tal-Bord, billi l-Bord tagħna kien ilu li għamel il-ħsieb li jippubblika fi ktieb l-ewwel sensiela ta' artikoli li Dun Ġwann Dimech ippubblika f'din il-gazzetta dwar il-Knejjes iż-Żgħar ta' Ħal Balzan. F'din il-laqgħa preliminari ġew diskussi diversi punti; biss għandhom isiru laqgħat oħra sakemm kollox jiġi ffinalizzat u nibdew il-pubblikazzjoni tal-ktejjeb.

**X'SAR . . .**

Għat-tielet sena l-Kunsill Ċiviku - Balzan offra bukkett fjuri sabiħ lill-Madonna fil-festa titulari. Nirringrazzjaw lil kull min offra l-flus u lil min ħa ħsieb din il-biċċa xogħol.

Dwar il-'guided tour' għat-turisti, il-Kunsill Ċiviku ftiehem mal-'Mondial Travel Agency' u dawn kellhom iġibu ġemgħa ta' turisti Franċiżi sabiex jaraw il-Knisja lejlet il-festa u biex jaraw ukoll il-logħob tan-nar. Barra dan, il-Kunsill ħa ħsieb ukoll iġib avviż fuq it-"Times of Malta" u "The Bulletin" għall-barranin l-oħra li xtaqu jieħdu sehem fit-'tour'. Sfortunatament it-'tour' ma sarx minħabba l-maltemp ta' lejlet il-festa. B'danakollu l-Kunsill irodd ħajr lil Dun Ġwann Dimech, li ħejja 'script' bl-Ingliż għall-okkażjoni, lis-Sur Victor Delicata, li offra l-ispejjeż ta' l-avviż fuq it-"Times of Malta", u lil dawk li ħadu f'idejhom din l-inizjattiva.

**OTTUBRU:**
**IX-XAĦAR**
**TAR-RUŻARJU**


SER TIŻŻEWWEĠ?
SER TITGĦARRAS?
SER TAGĦMEL XI PARTY?
IS-SALA "AURORA" HIJA L-POST IDEALI GĦALIK
BOOKINGS għand il-KAPPILLAN
Tel. K. 42614

Genuine Antiques, Works of Art, second-hand Household goods, Boutique and Ladies Hair-Stylist all under one roof at:
BENNY'S SHOWROOMS
HIGH STREET, BALZAN
*Contractors for upholstery, polishing, frame-making and house decorations*
Telephone: 45513

# "ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel',
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.


Editorjal

*** IT-TIELET SENA**

B'din il-ħarġa, il-gazzetta tagħna daħlet fit-tielet sena tagħha. Dan ifisser li ż-żerriegħa li żrajna, illum kibret f'xitla u ilha sentejn tagħti l-frott. F'dawn is-sentejn il-gazzetta għenet mhux ftit sabiex il-poplu kollu ta' Hal Balzan isir jaf aktar dwar ir-raħal tiegħu. Fil-fatt, jekk niflu sew l-artikoli li dehru fil-gazzetta nintebħu li l-parti l-kbira minnhom iduru fuq l-istorja tar-raħal jew xi aspett ieħor mill-ħajja ta' Ħal Balzan.

Iżda l-Balzanin kollha qegħdin jaqrawha l-gazzetta? Wisq nibżgħu li mhux kulħadd qiegħed jagħmel użu minn din l-opportunità li jitgħallem dwar ir-raħal li fih twieled jew li fih qed igħix. Nibżgħu li l-apatija fostna għadha ma nqerditx għal kollox. Dan jidher mill-għadd komparativament żgħir ta' tfal li jieħdu sehem fil-kompetizzjoni li nhejju apposta għalihom.

Min isegwi l-gazzetta u jinteressa ruħu f'dak kollu li jidher fiha jaf tajjeb li l-gazzetta hija ta' livell tabilħaqq għoli, u jkun fiha artikoli ta' kull xorta li jkunu miktubin bis-sengħa. Dan qaluhulna diversi nies, ukoll minn barra r-raħal. Għalhekk inħeġġu lin-nies kollha ta' Hal Balzan sabiex juru interess akbar f'din il-gazzetta li qed toħroġ għalihom billi jaqrawha u jekk iħossu li għandhom jagħmlu xi suġġerimenti ħa jagħmluhom u aħna nilqgħuhom bil-ferħa kollha u, fejn ikun possibbli, inwettquhom.

Aħna, min-naħa tagħna, beħsiebna nissuktaw nimxu 'l quddiem fil-ħidma tagħna billi nżewqu l-gazzetta u nagħmluha aktar attrajenti. Bħalma s-sena l-oħra tajna bidu għal kompetizzjoni għat-tfal bi premju ta' nofs lira, din is-sena qed nintroduċu taqsima li fiha ngħarrfukom b'dak kollu li jkun qed jiġi diskuss fil-laqgħat tal-Kunsill Ċiviku. Barra dan, se nibdew inġibu wkoll iż-żwiġijiet, l-imwiet, u t-twelid li jkollna fil-parroċċa. Dan qed nagħmluh sabiex inqajmu aktar interess fil-Balzanin u sabiex il-gazzetta sservi aktar ta' dokumentazzjoni ta' dak li jkun qed jiġri attwalment fir-raħal.

**L-aħħar kelma tagħna hija kelma ta' radd il-ħajr lil dawk kollha li għenu b'xi mod il-pubblikazzjoni ta' din il-gazzetta — kontributuri ta' artikoli, ditti li għenuna bir-reklami tagħhom, distributuri tal-gazzetta, nies individwali li għenuna kemm moralment kif ukoll finanzjarjament, u lill-poplu kollu in ġenerali għall-interess li wera. Fl-istess ħin inħeġġu lill-qarrejja kollha sabiex fejn jistgħu jixtru l-ħtiġijiet tagħhom mid-ditti u l-ħwienet li jirreklamaw fil-gazzetta ĦAL BALZAN.**

*** WARA L-FESTA**

Il-festa għaddiet. Għalkemm b'xi ftit taqtigħ ta' qalb, ma nistgħux ngħidu li l-festa ma kenitx suċċess. It-temp sabiħ li sebaħ il-Ħadd u l-għadd kbir ta' nies li żaru r-raħal nhar il-festa, l-aktar fil-għaxija, ma setgħux ma jnessuniex is-swied ta' qalb li tnissel fina l-Balzanin il-jum ta' qabel meta kulħadd ħaseb li l-festa kienet se tisfratta minħabba l-maltemp. Il-festa għaddiet, u fir-raħal kollox reġa' lura għall-ħajja normali. Għalhekk issa huwa l-waqt li nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-festa mill-aspetti kollha tagħha.

Nibdew mill-festi ta' ġewwa. Il-funzjonijiet reliġjużi li saru fil-Knisja, ibda mit-tridijiet u spiċċa fil-quddies kantat u l-għosrien ta' lejlet u nhar il-festa, kienu mhejjija tajjeb u saru bl-eżattezza u s-sollennità tas-snin l-imgħoddija. Ta' dan ħaqqhom prosit il-Kappillan maħbub tagħna u l-kleru kollu tal-parroċċa. Biss, nixtiequ nagħmlu suġġeriment ċkejken li, naħsbu, ikun ta' ġid. Nixtiequ li t-Tnejn u t-Tlieta tal-ġimgħa tal-festa, fil-għaxija, fil-Knisja ssir xi ħaġa speċjali bħal, ngħidu aħna, xi ċelebrazzjoni liturġika u quddiesa bl-omelija li fihom tieħu sehem xi sezzjoni mill-komunità parrokkjali bħal, per eżempju, il-familji tal-parroċċa, iż-żgħażagħ, jew l-għaqdiet u l-każini. B'dan il-mod il-festa tkun qed testendi ruħha għal ġimgħa sħiħa.

It-tifħir tagħna jmur ukoll lis-sagristan ħabrieki li b'tant ħeġġa jieħu ħsieb il-Knisja matul is-sena kollha. L-interess tiegħu jixhdu għalih l-eżattezza fl-armar u l-indafa tal-Knisja.

Dwar il-festi ta' barra, din is-sena nnotajna b'sodisfazzjon kbir għadd ikbar ta' żgħażagħ li jagħtu daqqa t'id fl-armar tat-toroq. Kien tassew gost tara dawk iż-żgħażagħ kollha jmiddu jdejhom u jgħinu lill-anzjani jarmaw u jżarmaw it-tiżjin. Dan ma jfissirx ħaġ'oħra ħlief li r-raħal għad għandu żgħażagħ li jħossu jiġri f'demmhom is-sens ċiviku u ta' mħabba lejn il-festa tal-Patruna tagħna.

Tan-nar ħaqqhom tifħir ukoll għax ħadmu bis-sħiħ u stinkaw, u x-xogħol tagħhom qala' t-tifħir ta' kulħadd. Kull min ra n-nar ħareġ sodisfatt, mhux biss għaż-żieda fil-kwantità li kellna fuq is-sena l-oħra, imma wkoll għas-sengħa li biha kien maħdum.

Innotajna wkoll konkorrenza akbar mis-soltu mill-Balzanin fil-marċ ta' l-aħħar tat-Tridu u fil-marċ l-ieħor ta' nhar il-festa fil-għodu. Dan juri biċ-ċar li l-festi ta' barra mhux talli m'għaddiex żmienhom iżda li l-poplu għadu jridhom.

**Kelma ta' l-aħħar lid-dilettanti tal-festa. Għeżież dilettanti taż-żewġ każini, nafu kemm għandkom għal qalbkom il-festa għażiża ta' Marija Annunzjata. Inroddulkom ħajr f'isem il-Balzanin kollha għax-xogħol siewi tagħkom għall-festa. Biss infakkrukom li l-festa tkun sabiħa u tirnexxi aktar ma intom tingħaqdu bejnietkom u taħdmu id f'id. Għalhekk qisu li tfittxu mhux dak li jifridkom imma dak li jgħaqqadkom.**

**GĦAT-TWELID, ŻWIĠIJIET U MWIET LI KELLNA FIL-PARROĊĊA FIX-XAHREJN LI GĦADDEW, ARAW PAĠNA 3.**

## Ċelebrazzjonijiet tat-Tifkira ta' Għeluq il-ĦAMSIN SENA mit-Twaqqif tal-M.U.S.E.U.M. f'ĦAL BALZAN

*DIN IS-SENA KIEN JAĦBAT GĦELUQ IL-ĦAMSIN SENA MINN META S-SOĊJETA' TAD-DUTTRINA NISRANIJA, MAGĦRUFA BĦALA M.U.S.E.U.M., FETĦET L-EWWEL DAR TAGĦHA FIL-PARROĊĊA TAGĦNA. SABIEX TIĠI MFAKKRA DIN IL-ĠRAJJA, IL-MEMBRI TA' DIN L-GĦAQDA HEJJEW PROGRAMM TA' ĊELEBRAZZJONIJIET LI ŻGUR KIENU TA' ĠID GĦAN-NIES KOLLHA TA' ĦAL BALZAN.*


Iċ-ċelebrazzjonijiet tat-tifkira bdew nhar it-Tnejn 18 ta' Ġunju b'Sajda Museumina fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali. F'din is-Sajda, li spiċċat nhar is-Sibt 30 ta' Ġunju, tkellmu diversi soċi tal-Museum fuq suġġetti differenti u l-attendenza kienet numeruża ħafna. Il-Ħamis 28 ta' Ġunju, minflok il-lezzjoni tas-soltu, kien hemm siegħa adorazzjoni ppriedkata fuq iz-zuntier tal-Knisja li spiċċat bil-barka sagramentali. Wara l-barka kulħadd ġie miktub fil-labtu tal-Madonna tal-Karmnu.

Nhar il-Ħadd, 1 ta' Lulju, fid-9.00 a.m. saret quddiesa fil-kappella tal-Qasam għat-tfal kollha. Qaddes l-Eċċ. Rev. Mons. Emm. Gerada, Isqof Koadjutur, u kien mgħejjun mill-Kappillan tal-Parroċċa. Wara l-quddiesa ġie espost is-Santissmu Sagrament u baqa' espost il-jum kollu. Il-kappella tal-Qasam kienet miftuħa għal kulħadd għall-adorazzjoni quddiem is-Sagrament. Fl-4.00 p.m. saret siegħa adorazzjoni għat-tfal fil-kappella li spiċċat bil-barka sagramentali. Fiha ffunzjona l-Kappillan tal-Parroċċa.

L-għada t-Tnejn, 2 ta' Lulju, fis-7.30 p.m. sar il-ftuħ ta' Esibizzjoni tax-xogħlijiet tat-tfal, li mbagħad baqgħet miftuħa għal kulħadd tul il-ġimgħa kollha. L-esibizzjoni nfetħet minn Francesco Saliba, Superjur Ġenerali tal-Museum, u tbierket mill-Kappillan. It-Tlieta, imbagħad, fis-7.30 p.m. saret il-premjazzjoni tat-tfal kbar tal-Museum fil-Qasam. Id-diskors ta' l-okkażjoni sar mis-Superjur John Formosa. Għal din l-okkażjoni kienu mistiedna l-missirijiet tat-tfal kollha.

Il-jum ta' wara, l-Erbgħa, 4 tax-xahar, sar film bil-kulur fis-Sala Parrokkjali dwar l-attivitajiet tal-Museum ta' Ħal Balzan. Dan il-film bl-isem 'Wirt Dun Ġorġ f'Ħal Balzan', kien ikkummentat tajjeb ħafna u l-Balzanin żgur fehmu aħjar il-ħidma tal-Għaqda Museumina fil-Parroċċa. Il-laqgħa fis-Sala bdiet b'daħla minn Victor Delicata, Superjur tal-Qasam, u għalqet b'kelmtejn mill-Kappillan.

Avveniment mill-isbaħ f'dawn il-festi ċinkwantenarji kienet il-quddiesa konċelebrata li saret fil-Knisja Parrokkjali nhar il-Ħamis, 5 ta' Lulju fis-6.30 p.m.




**Il-Kappella tal-Qasam, fl-okkażjoni tal-Jum Ewkaristiku li sar fl-1 ta' Lulju bħala parti mill-festi ta' għeluq il-Ħamsin Sena.**

F'din il-quddiesa kkonċelebraw flimkien sebgħa mill-ħmistax-il saċerdot li ħarġu mill-Museum ta' Ħal Balzan. Il-konċelebrant ewlieni, li wkoll għamel l-omelija ta' l-okkażjoni, kien il-Kanonku Spir. Sammut, ex-superjur tal-Qasam. Il-konċelebranti l-oħra kienu: Dun Tarcisio Delicata, Kappillan ta' Marsaxlokk; Patri Diego Theuma O.F.M. Kap., Kappillan tal-Marsa (Trinità); Patri Salv Delicata S.J.; Patri Benoit Micallef S.J.; Patri Eliżew Parascandolo O.C.D.; Patri Louis Bajada O.Carm. Wara l-quddiesa sar trattament fil-Qasam għall-konċelebranti u l-kleru kollu tal-Parroċċa.

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju, fis-7.30 p.m. saret laqgħa fil-Qasam għall-missirijiet u l-ommijiet tat-tfal kollha. Tkellem is-Superjur Victor Delicata dwar il-problemi li jiltaqgħu magħhom it-tfal u r-responsabbiltà tal-ġenituri fit-trobbija ta' wliedhom. Wara l-laqgħa sar trattament u l-ġenituri ttieħdu jżuru l-Qasam kollu. L-għada, is-Sibt, saret laqgħa oħra fil-Qasam għall-ex-membri kollha li għaliha kienu mistednin l-irġiel u ż-żgħażagħ li xi darba kienu membri tal-Museum ta' Ħal Balzan. Tkellem is-Superjur Delicata. Il-laqgħa ntemmet f'ambjent familjari bi trattament fis-sala tal-Qasam.

Il-Ħadd, 8 ta' Lulju, fil-10.00 a.m. saret laqgħa speċjali għat-tfal fis-sala tal-Qasam. Wara nofs in-nhar, imbagħad, fil-5.30 p.m. saret quddiesa fil-Knisja Parrokkjali għall-bżonnijiet tal-benefatturi kollha ħajjin u mejtin. Qaddes il-Kappillan, li għamel ukoll kelmtejn ta' għeluq. Wara l-quddiesa tkanta 'Te Deum' ta' radd il-ħajr għall-grazzji kollha li Alla l-Imbierek għoġbu jxerred fuq il-Qasam tal-Museum ta' Ħal Balzan tul dawn il-Ħamsin Sena.

## DWAR ĦAL BALZAN MILL-PARLAMENT

**Il-Perit L.A. Gatt (P.N.) staqsa lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura:**

Tistax l-Onor. Ministru tgħid jekk it-tfal li jattendu fl-iskejjel primarji ta' Ħal Lija/Ħal Balzan humiex se jiġu trasferiti fl-iskola l-ġdida f'Settembru li ġej?

**Tweġiba:**

Hu maħsub li t-tfal li qed jattendu fl-Iskejjel Primarji ta' Lija/Balzan jibdew imorru fl-iskola l-ġdida għall-bidu tas-sena skolastika 1973-74.

**Is-Sur K. Agius (M.L.P.) staqsa lill-Ministru tal-Bini Pubbliku u Xogħlijiet:**

Issa li l-Iskola tal-Gvern Ħal Lija/Ħal Balzan kważi lesta, jista l-Onor. Sinjur jagħti tagħrif minn fejn se jkun l-aċċess għal din l-iskola għat-tfal ta' Ħal Balzan? Huwiex possibbli li jekk hemm xi pjan li tinfetaħ xi triq, din tinbeda mill-aktar żmien qasir possibbli?

**Tweġiba:**

Rigward l-ewwel parti tad-domanda ta' l-Onorevoli Habib tiegħi, ngħid li ser ikun hemm aċċess temporanju għall-iskola minn Sqaq Nru 2, Main Street, Lija.

Dwar it-tieni parti tad-domanda, hemm maħsub pjan ta' żvilupp li jinkludi fih aċċess għal din l-iskola. Passi se jittieħdu biex tiġi esproprijata biċċa art ħalli jsir almenu footpath li jwassal għal u lura mill-iskola.


**ELITE**

80, South Street, Valletta
and
8, Tagliaferro Centre, Sliema

for

**SCHOOL WEAR OR LEISURE WEAR**

Boys & Girls Navy — Red — Royal (St. Aloysius College) Blazers with double elbows and all seams taped in breast pocket. Approved by the RETAIL TRADING STANDARDS ASSOCIATION.

SCHOOL TROUSERS — SHIRTS — SHOES — TIES — KNITWEAR — SOCKS — PYJAMAS — SPORTS & GYM WEAR — FOOTBALL BOOTS — NOW IN STOCK

Hsieb Spiritwali:
## IR-RUŻARJU

F'din il-harġa ta' Settembru-Ottubru deherli li ma nistax nikteb fuq suġġett aħjar mid-devozzjoni tant sabiħa tar-Rużarju, li għaliha huwa dedikat ix-xahar ta' Ottubru. Ma nistax, fil-ftit spazju li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi, nikteb fuq l-istorja tar-Rużarju, biex nuri r-rebħiet kbar li din id-devozzjini ġiebet fil-Knisja matul is-sekoli li fihom kienet imħabbta minn twegħir tant kbir minn ġewwa u minn barra. Biżżejjed wieħed igħid li kienet il-Madonna, l-Omm ħanina tagħna tas-sema, li tat lil San Duminku din id-devozzjoni bħala arma kontra l-perikoli kollha li jheddu l-individwi, il-familji u s-soċjetà tal-bnedmin.

Jidhirli li dak li għadni kemm għidt huwa biżżejjed biex jikkonvinċi lil kulħadd mill-ħtieġa li nerġgħu ndaħħlu r-Rużarju bħala waħda mill-aktar devozzjonijiet għeżież fis-soċjetà Maltija. Fejn huwa ż-żmien meta ma kontx tgħaddi minn triq li ma tismax il-familji kollha, fid-daħla tad-dar jew ħdejn il-bieb fis-sajf, igħidu flimkien ir-Rużarju? Illum ukoll tisma' l-ħsejjes herġin minn dar wara l-oħra — ir-Rediffusion, ir-radju jew it-televiżjoni, b'mod li tista' ssegwi l-programm kollu minn triq bla ma titlef anqas kelma jew nota waħda. Il-progress huwa ħaġa sabiħa u għandu jsir, imma ... ma għandux jeqred l-użanzi tant sbieħ li writna minn għand ta' qabilna.

U fil-Knisja, kemm huma dawk li jiġu kuljum għar-Rużarju? Jew anke fix-xahar ta' Ottubru kemm huma dawk li jiġu jgħidu r-Rużarju matul ix-xahar kollu? Nibdew mhux ħażin, imbagħad... naqtgħu qalbna. Dejjem ingergru li sejrin lura fit-twemmin u fil-kostumi tagħna. Hemm bżonn naħdmu lkoll bil-kelma ta' tħeġġiġ għat-tajjeb u ta' kundanna għall-ħażen, bl-eżempju ta' ħajja aħjar, u aktar faċilment bit-talb tagħna, biex insalvaw lil Malta u lid-dinja.

**Il-Kappillan.**

## IL-FESTA TA' MARIJA ANNUNZJATA 1973

**minn Gwido Borg**

**INTERESS KBIR U ENTUŻJAŻMU QAWWI. HEKK BISS JISTA' WIEĦED IFISSER L-ATTIVITA' MĦEĠĠA LI DEHRET WAQT IL-PREPARAZZJONI GĦALL-FESTA TA' MARIJA ANNUNZJATA.**

Sa minn ħmistax qabel il-fustuni tad-dawl kienu kważi kollha lesti waqt li l-antarjoli, pedestalli, u armar ieħor malajr sabu posthom biex isebbħu t-toroq. Din is-sena wkoll l-istatwi tqiegħdu aktar kmieni mis-soltu, u l-pavaljuni tat-triq prinċipali maħdumin mis-Sur Kalċidon Micallef malajr taw dehra ġdida lit-triq ta' quddiem il-Knisja. Għall-ewwel darba l-piramida tal-kampnar kif ukoll il-gwarniċa ta' fuq il-balavostrar u l-gwarniċun, ġiet armata bid-dawl elettriku taħt id-direzzjoni tas-Sur Lino Borg megħjun mis-Sur Kalċidon Micallef, Karmenu Micallef u Michael Micallef. Id-dilettanti tan-nar immexxija mis-Sur Valentino Azzopardi kellhom il-murtali (fil-parti l-kbira tagħhom tal-kulur) lesti wkoll.

L-għaqda u l-imħabba kbira li teżisti bejn id-dilettanti din is-sena kienet fl-aqwa tagħha. Gaj wieħed ta' nies jaħdmu flimkien iżda kulħadd fuq xogħlu. Min iġorr, min jerfa', min iwaħħal. It-tfal ukoll ippruvaw jagħtu daqqa t'id. Min ma jaħdimx, iħares u jgħid kelma ta' tifħir għal dawn il-ħaddiema li mhux biss ma jitħallsux ta' xogħolhom iżda talli wara tant sagrifiċċju saħansitra joħorġu l-flus mill-but. X'aktarx li Hal Balzan hu l-uniku raħal f'Malta fejn id-dilettanti tal-festa jagħmlu u jaħdmu kollox b'xejn. Huma stess ukoll, immexxijin mis-Sur Abraham Muscat għan-naħa ta' fuq u mis-Sur Charles Chetcuti għan-naħa t'isfel, jagħmlu sagrifiċċji kbar biex iduru bieb bieb kull nhar ta' Ħadd sabiex jiġbru l-flus għall-festa.

Meta wieħed ikun veru dilettant ma jieħux ħsieb li jarma biss l-armar iżda jieħu ħsieb ukoll l-istess armar u joqgħod attent ħalli ma jitmermirx, jitkisser, jew jintilef. Hekk jagħmlu d-dilettanti Balzanin; jaħdmu s-sena kollha biex jippreservaw dak l-armar li jqajjem tant entużjażmu fost in-nies qabel il-festa. Imma kemm hawn nies li jafu b'dan ix-xogħol!

Mhux ta' b'xejn mela li hekk kif lejlet il-festa bdiet nieżla xita, id-dilettanti bdew jinkwetaw. Żgur li dak il-ħin moħħom ħaseb fl-armar imxarrab, l-aktar l-istatwi — statwi li ilhom maħdumin tlieta u sebgħin sena. F'xita bil-qliel l-istatwi bdew jitniżżlu waħda waħda u jitqiegħdu f'posthom fil-knisja ta' Santa Marija u fil-Każin tal-Banda 'San Gabriel'. Mad-dilettanti nġabru oħrajn biex jagħtuhom daqqa t'id, u dehru wkoll xi oħrajn li kienu ilhom ma jarmaw għall-festa żmien twil. Kulħadd ixxarrab għasra iżda l-istatwi ma ġralhomx ħsarat kbar.

Dak in-nhar ta' lejlet il-festa l-aktar fil-għaxija kulħadd kien imdejjaq u ħarġu l-avviżi fuq ir-Rediffusion li l-festa tħassret. Qtajjiet ta' nies bdew jingabru 'l hawn u 'l hinn jitkellmu dwar ix-xita. Il-murtali tal-kulur ma nħarqux u xi ġuvnotti nġabru madwar l-irdieden biex jippruvaw jaħarquhom, imma kollha kienu mxarrbin għasra u ma qabdux. Ix-xita ħassret l-entużjażmu kollu u x'aktarx li kieku kien bnazzi kien ikun hawn folol kbar ta' nies mhux ħażin, iżda li kien kien u kulħadd kellu jmur lejn daru bil-kwiet.

L-għada l-ajru sebaħ bnazzi u kollox sar kif kien ippjanat. Id-dilettanti ħadu gost u tbissmu filwaqt li mal-baned u ċ-ċapċip tan-nies ġew maħruqa aktar minn mitt murtal tal-kulur. Meta kulħadd inġabar f'daru, għal ħafna nies il-festa kienet għaddiet imma mhux hekk għad-dilettanti! Id - dilettanti l-għada riedu jqumu u jżarmaw l-armar u jistivawh f'postu. Nistgħu ngħidu li sal-għada tal-festa kollox kien żarmat u t-toroq reġgħu dehru vojta.

Hekk kif kollox kien lest bdew jiġu diskussi idejat ġodda għat-tiżjin ta' festa oħra. Waħda minnhom hija li jsiru sett pavaljuni tad-drapp għat-triq prinċipali ta' quddiem il-Knisja. Jekk din l-ideja tirnexxix jew le ma jiddependix mill-entużjażmu tad-dilettanti, għax nafu li għandhom biżżejjed, imma mill-ġenerożità tal-Balzanin sħabhom.

Filwaqt li nirringrazzjaw lil dawk kollha li ħadmu u stinkaw biex il-festa ta' Marija Annunzjata rnexxiet bis-sollennità ta' l-imgħoddi, nitolbu lil Marija Annunzjata biex itlob lil Binha Ġesù jixħet fuqhom il-barka tiegħu u jkabbar fihom l-entużjażmu li għandhom għall-festa għażiża tagħna.

## NIFIRĦU LIL . . . .

**Dun Ġwann Dimech, qassis mill-Parroċċa tagħna, għadu kemm inħatar Kappillan Maġistrali ta' l-Ordni Sovran Militari Ospidalier ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, ta' Rodi u ta' Malta. L-investitura saret nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Settembru, fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, minn Mons. Arċisqof.**



Din l-aħbar ferrħitna ħafna għax nafu kemm dan is-saċerdot huwa wieħed ħabrieki. Minbarra l-ħidma tiegħu pastorali fil-Parroċċa tagħna, huwa wkoll Direttur Spiritwali fl-iskejjel tal-Gvern. Huwa għamel żmien ukoll organista tal-Parroċċa u President tal-Kunsill Parrokkjali ta' Hal Balzan. Dun Ġwann qiegħed jagħmel ukoll biċċa xogħol siewja ħafna billi qiegħed jikteb l-istorja ta' Hal Balzan. Din l-istorja huwa qiegħed jippubblikaha f'forma ta' artikoli f'din il-gazzetta.

## KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Dan hu r-ritratt tal-lapida li hemm imwaħħla mal-ħajt tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel'. Din tfakkar lin-naturalista Professur John Borg, wild Balzani. Kull ma għandkom tagħmlu hu li tħarsu lejha sewwa u tkunu kapaċi tirrispondu dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:




1. **Lil min tfakkar din il-lapida?**
2. **Fejn twieled il-Professur John Borg?**
3. **F'liema sena twieled il-Prof. John Borg?**
4. **Min poġġieha din il-lapida?**
5. **Meta ġiet imqiegħda din il-lapida?**

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-'letterbox' ta' l-istess każin. Fuq l-envelop iktbu biss KOMPETIZZJONI. Tinsewx tniżżlu fuq il-karta l-isem u l-indirizz tagħkom. Għandkom żmien sas-Sibt, 27 ta' Ottubru, 1973.

---

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa huma: 1. Fis-sena 1868; 2. Mastru Salv Dimech; 3. Ta' l-injam; 4. Il-Madonna u l-Arkanġlu Gabriel; 5. Fil-25 ta' Marzu.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni huwa **Raymond Pace** li joqgħod 'St. Anthony' Flat 1, Triq l-Annunzjata, Ħal Balzan. Il-premju ta' nofs lira nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

## ROKNA GĦAT-TFAL

*Għeżież tfal,*

*Spiss tisimgħu min isemmi l-kelma "vandaliżmu" u forsi qatt ma tħajjartu tistaqsu xi tfisser. "Vandaliżmu" ġejja mill-kelma "vandali". li dawn kienu nies li kull fejn jidħlu jkissru, jfarrku, joqtlu, u jagħmlu kull ħsara li tiġi għal idejhom.*

*Għalkemm dawn in-nies m'għadhomx jeżistu, iżda għemilhom mhux l-ewwel darba li jkun ikkupjat mhux biss mill-kbar u ż-żgħażagħ iżda ħafna drabi miż-żgħar ukoll.*

*Hawn xi tfal bniet u subien, li kull fejn jidħlu u f'kull post li jmorru ma jkunux kuntenti jekk ma jagħmlux xi ħsara jew xi vendikazzjoni.*

*Jekk jidħlu f'xi ġnien iridu jaqtgħu l-fjuri u l-frott bl-addoċċ. Jekk jidħlu f'kaxxa tat-telefon iridu jew iqattgħu l-ktieb li jkun hemm jew iħassru l-kaxxa tal-flus b'mod li ta' warajhom ma jkunx jista' jċempel hu wkoll. Jekk igħaddu minn ħdejn dar miżbugħa ġdid ma jkunux kuntenti qabel ma jħażżu malħitan tagħha. Jekk qegħdin l-iskola ma jafux iżommu bank nadif u jleqq iżda jridu jħażżu fuqu jew jonqxu isimhom bix-xafra.*

*Dan kollu juri nuqqas ta' edukazzjoni, ta' mħabba, u ta' ġustizzja. Min hu edukat żgur li qatt ma jagħmel ħsara apposta; min iħobb jagħmel biex l-oħrajn igawdu wkoll bħalu; u min hu ġust jaf li kull ħsara ma tissewwiex jekk mhux bil-flus, għalhekk jibża' u jindokra l-ħwejjeġ ta' ħaddieħor.*

*Meta nafu kemm hawn għaqdiet li qed jaħdmu biex iżommu Malta nadifa u sabiħa, u meta ta' spiss naraw kemm joħroġ flus il-Gvern biex iħajjar lit-turisti biex jiġu Malta, imissna aħna wkoll naħdmu biex art twelidna jibqa' jisthoqqilha l-isem ta' 'Fjur tad-Dinja'. Dan nagħmluh billi mhux biss ma nkabbrux il-ħsara aħna, iżda meta naraw lill-oħrajn jagħmlu l-vandaliżmu nkunu kuraġġużi li nwaqqfuhom u nikkoreġuhom.*

*Għalhekk, tfal għeżież, qisu li kull fejn tmorru u kull fejn tidħlu tkunu ta' eżempju tajjeb għall-oħrajn billi mhux biss ma tagħmlux ħsara iżda tagħmlu minn kollox biex tnaqqsu l-ħsara ta' l-oħrajn. B'hekk tkunu veri tfal li tħobbu 'l pajjiżkom u tagħmlu unur lil Malta.*

## MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

**Nifirħu bil-membri ġodda tal-Parroċċa**

Dorianne-Charmaine Baldacchino, bint Alfred u Josephine, fil-5 ta' Lulju.
Alexis-Karl Cachia, bin Alexander u Carmen-Victoria, fil-10 ta' Lulju.
Ruth-Graziella Vassallo, bint Joe u Stella, fit-12 ta' Lulju.
Sandro Sciberras, bin Paul u Rose, fil-15 ta' Lulju.
Frances Christine Grima, bint Norman u Christine, fl-24 ta' Lulju.
Rachel-Helen Aquilina, bint John u Ruth, fil-31 ta' Lulju.
Carolyn Cassar Reynaud, bint Alfred u Diana, fis-7 ta' Awwissu.
Ivan Borg, bin Charles u Pauline, fis-17 ta' Awwissu.
Duncan Abela, bin Anthony u Gertrude, fid-19 ta' Awwissu.

**Żwiġijiet li saru fil-Parroċċa**

Frans Caruana u Marija Chetcuti, fis-7 ta' Lulju.
Joseph-Anthony Agius u Agnes Borg, fil-21 ta' Lulju.
Philip-James Shawyer u Valerie Falzon, fil-21 ta' Lulju.
Charles Degiorgio u Carmen Camilleri, fit-28 ta' Awwissu.

**Nitolbu għall-parruċċani li ħallewna**

Manwel Grech, fid-9 ta' Lulju.
Pauline Pullicino, fis-17 ta' Lulju.
Maria Gauci, fil-25 ta' Lulju.
Maria-Assunta Cassar, fid-29 ta' Lulju.
Innunziata Micallef, fid-19 ta' Awwissu.

FOR
WHITER
WASH
SPEL

## F'għeluq il-HAMSIN SENA mill-Pussess ta' DUN FRANCESCO SAVERIO ZAHRA bħala KAPPILLAN ta' HAL BALZAN

minn VALENTINO MUSCAT

**ID-19 T'AWWISSU TA' DIN IS-SENA KIEN GHELUQ IL-HAMSIN SENA, JEW AHJAR IL-ĠUBLEW TAD-DEHEB, TAL-PUSSESS TAL-KAPPILLAN DUN FRANCESCO SAVERIO ZAHRA, ILLUM MONSINJUR ZAHRA.**

Kien il-Hadd 19 t'Awwissu 1923 meta fost il-ferħ tal-Balzanin Dun Francesco Saverio Zahra daħal fil-knisja parrokkjali tagħna sabiex jieħu pussess tagħha mill-Monsinjur Vigarju ta' Monsinjur Dun Mauro Caruana, Isqof ta' Malta, Arċisqof ta' Rodi.

Dun Francesco Saverio Zahra beda l-ħidma saċerdotali tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu tal-Ħamrun. Wara mbagħad ġie maħtur vigarju tal-knisja ta' San Bastjan li allura kienet viċi-parroċċa tal-parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi, minn fejn ġie nominat kappillan ta' Ħal Balzan biex jimla l-post vagant li ħalla l-mejjet Kappillan Dun Amabile Sisner, Bormliż.



**DUN F.S. ZAHRA**
**(Ritratt ġentilment misluf mill-Kumitat tal-Każin 'Marija Annunzjata')**

Dun Francesco Saverio Zahra dam jamministra l-parroċċa tagħna sa Novembru 1949 meta ġie nominat monsinjur tal-Kattidral Metropolitan ta' Malta.

Matul dawn is-sitta w għoxrin sena bħala kappillan tal-parroċċa tagħna, Dun Francesco Saverio ħadem bla heda għall-ġid spiritwali u materjali tal-Balzanin kollha. Kien xogħol li rrikjeda sagrifiċċi mhux żgħar meta wieħed jiftakar li Dun F.S. Zahra l-kappillan kien għal żmien twil mgħejjun minn saċerdot wieħed biss li kien joqgħod fil-parroċċa. Wara mbagħad kien mgħejjun minn saċerdot ieħor, jiġifieri miegħu kellu żewġ saċerdoti biss. Meta faqqgħet il-gwerra, f'Ġunju 1940, il-ħidma tal-Kappillan Zahra kellha tiżdied bil-bosta billi l-popolazzjoni ta' Ħal Balzan, li dak iż-żmien kienet tlaħħaq ma' l-elf ruħ, issa kienet kibret bil-bosta u saret fuq is-sitt elef ruħ bin-numru kbir ta' rifuġjati li ġew jistkennu mill-qilla tal-gwerra fir-raħal tagħna. Ma' dawn ir-rifuġjati kienu ġew għadd kbir ta' saċerdoti li l-Kappillan Zahra sab fihom għajnuna kbira fil-ħidma spiritwali tal-parroċċa.

Jekk il-Kappillan Zahra ħadem ħafna fil-qasam spiritwali tal-parroċċa tagħna, ma baqax lura fil-ħidma tiegħu fil-kamp materjali, b'mod speċjali f'dak li hu abbelliment tat-tempju tagħna. Malli sar kappillan ta' Ħal Balzan sab li l-kumitat tal-Każin 'Marija Annunzjata' kien qed jiġbor għal sett qniepen ġodda. Kien hu li għen ħafna lil dan il-kumitat billi kien taħom is-siġġijiet tal-knisja li l-qligħ tagħhom kien imur għall-fond tal-qniepen, li ġew imbierka f'Marzu 1925 minn Mons. Isqof Dun Mauro Caruana.

Matul il-karriera tiegħu bħala kappillan tagħna, Dun F.S. Zahra ħa ħsieb jagħmel bosta u bosta opri sbieħ. Kien f'April 1930 meta l-vara ta' Marija Santissma Annunzjata ġiet irrestawrata, indurata, u sgraffita mill-ġdid bil-ħidma tiegħu, u xi snin wara għamel il-bankun sabiħ li għandna llum. Fost il-bosta opri li għamel il-Kappillan Zahra, ta' min igħid li kien hu li għamel id-damask ġdid tal-pilastri maġġuri flimkien mal-fond tal-kwadri tal-kor u l-biċċa l-kbira tal-friż. U qabel ħalla l-kariga tiegħu ta' kappillan ħalla l-fondi biex isir id-damask tas-sitt pilastri tal-korsija. Il-Kappillan Zahra għamel ukoll zuntier ġdid tal-konkrit, jiġifieri għamel il-balavostrar ġdid u l-koppli ta' fuqhom u kesa l-bażi u s-soprabank ta' fuq il-balavostrar, kif ukoll kesa u abbellixxa ż-żewġ pedestalli ta' l-Anġlu u tal-Madonna li jinsabu fid-dħul taz-zuntier.

Kien hu wkoll li lesta l-fondi għall-paviment tar-rħam tal-knisja tagħna li mħabba xi ċirkustanzi tqiegħed mill-kappillan ta' warajh, Dun Ġużepp Minuti. Kien il-Kappillan Zahra li ħadem u ħabrek biex saret il-qanpiena l-kbira li waslet Malta minn Franza f'Novembru 1948. Din il-qanpiena tgħaxxaq u thenni bid-daqq ħelu tagħha mhux biss lill-Balzanin iżda lil kull min jisma' l-leħen ħelu tagħha. Il-Kappillan Zahra għamel ukoll ċimiterju ġdid li jġib l-isem "Ċimiterju tas-Salib", sabiex il-Balzanin li ma jibqgħux ma' ħuthom ħajjin ma jitbegħdux minn taħt il-mant li l-Patruna tagħna tifrex fuq ir-raħal tagħna. Dać-ċimiterju l-Kappillan Zahra għamlu mill-flus li faddal mill-ġbir tal-knisja u b'hekk ma nteressa xejn lill-poplu Balzani.

Fil-waqt li nagħtu prosit lill-Kappillan Dun Francesco Saverio Zahra għal dak kollu li għamel għall-parroċċa tagħna, nitolbu li Alla jagħtih għomor twil biex igawdi l-mistrieħ li tant jisthoqqlu.

**STARLETS**
**284, HIGH STREET, BALZAN**
**STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS, NEWSPAPERS AND CIGARETTES**
**Telephone: 41644**

## DIZGRAZZJA TAN-NAR

*(B'tifkira ta' dawk li ħallew ħajjithom fid-diżgrazzja tan-nar li ġrat f'Ħal Balzan sebgħin sena ilu)*

minn Carmel Bezzina, B.A.

**MIN IŻUR IĊ-ĊIMITERJU TAGĦNA, FIL- WIED TA' ĦAL BALZAN, JILMAĦ L A P I D A MWAĦĦLA MAL-ĦAJT TAX-XELLUG HEKK KIF JERSAQ QRIB IL-KAPPELLA. DIN L-IRĦAMA, LI TINSAB KEMMXEJN MOĦBIJA MIL-LIEDNA LI XXEBILKET MADWARHA, TWAĦĦLET FIT-22 TA' OTTUBRU 1953 BL-INIZJATT IVA TAL-KAŻIN 'SAN GABRIEL' SABIEX TFAKKAR ĠRAJJA TA' QSIM IL-QALB LI KIENET LAQTET LIR-RAĦAL ĦAMSIN SENA QABEL.**

Kien il-Ħamis, 22 ta' Ottubru 1903. Kien il-ħabta tat-tmienja ta' fil-għaxija. Kulħadd tista' tgħid kien miġbur f'daru, biex wara l-fatra ta' fl-għaxija jgħidu ħames posti Rużarju u jidħlu jorqdu wara ġurnata xogħol. Fir-raħal kien kollox skiet. Biss fil-Każin 'L'Annunziata', li dak iż-żmien kien il-każin waħdieni f'Ħal Balzan, kien għad hemm xi rġiel iqattgħu siegħa żmien: uħud kienu qed jaqraw, oħrajn kienu qed jilagħbu l-karti, filwaqt li oħrajn kienu medhijin jaħdmu l-bombi u l-murtali għall-festa. (1) Iżda ftit kellha ddum dik l-atmosfera ta' hemda li kienet issaltan fil-każin, u fir-raħal.

Fid-daqqa u l-ħin, bla ma ħadd intebaħ kif u l-għala, it-taħlita tal-putassa li kellhom f'idejhom ħadet in-nar u tajret kulm'hemm. Instemgħet splużjoni qawwija li heżżet u riegħdet id-djar kollha ta' Ħal Balzan, u li saħansitra nħasset ukoll mill-irħula tal-qrib. L-isplużjoni kienet hekk kbira li wħud ħasbu li nfetħu bwieb is-sema u li xxaqqet l-art u wasal l-aħħar tad-dinja — hekk iddeskriviet il-ġrajja "The Daily Chronicle" tas-Sibt 24 t'Ottubru 1903.


Il-Balzanin kollha ħarġu minn djarhom jaraw x'ġara, u bdew ġejjin ukoll nies mill-irħula ġirien tagħna. Mit-triq ta' quddiem il-Knisja, għax hemm kien il-Każin 'L'Annunziata', imiss sewwasew mad-dar tal-kappillan, dehret tielgħa sħaba sewda ta' trab u duħħan li bdiet tinfirex fuq ir-raħal kollu. Il-każin kien sar ħerba. Iżda x'kien sar minnhom dawk l-irġiel li kienu ġewwa l-każin? Ħsieb il-Balzanin kien fihom. Ma' l-isplużjoni, dawn ilkoll għamlu ħilithom sabiex jiġru lejn il-bieb ta' barra: uħud irnexxielhim joħorġu qawwijin u sħaħ, oħrajn weġġgħu ħafif. Raġel minnhom, l-istess splużjoni sabbtitu mal-koxxa tal-bieb, iżda rnexxielu jeħlisha. (2)

Ma ħelsuhiex, iżda, dawk li kellhom f'idejhom it-taħlita tal-putassa. Dawn kienu tlieta min-nies, u għandna naħsbu li kienu fuq ġewwa nett tal-każin. L-isplużjoni ġrat hekk f'ħakka t'għajn li ma tathomx ċans joħorġu, u baqgħu hemm mirduma; magħhom intradam ukoll ieħor li kien f'kamra oħra. Dawn l-imsejkna kienu Paolo Muscat ta' 26 sena, Antonio Falzon ta' 30 sena, Valentino Debono ta 40 sena, u Giuseppe Muscat ta' 16-il sena. Il-Balzanin qalbiena li marru jagħtu l-għajnuna fis daħlu fil-każin nofsu mwaqqa', u wara ħafna sogru u taħbit irnexxielhom jaqilgħu l-iġsma sfigurati ta' l-erba' vittmi minn taħt ħafna ġebel u terrapien. Il-ġisem ta' wieħed minnhom kien kważi maħruq għal kollox. (3) Skond ir-rapport ta' "The Daily Malta Chronicle", il-kadavru ta' Giuseppe Muscat sabuh l-għada, il-Ġimgħa, fl-erbgħa w nofs ta' fil-għaxija. Vittma oħra ta' l-isplużjoni kien Pio Muscat ta' 16-il sena, li miet fid-dar tiegħu l-għada fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar. (4)

It-traġedja ma tiqafx hawn. L-isplużjoni għamlet ħsara wkoll liż-żewġ djar li kienu jmissu mal-każin u li waħda minnhom, kif għedna, kienet tal-kappillan, li dak iż-żmien kien il-mibki Dun Amabile Sisner. Ma' l-isplużjoni, xi ġebel mis-saqaf tal-każin waqgħu fuq il-bejt tal-kappillan, iġġarrfet parti mis-saqaf, u waħda minn ħutu l-bniet, Concetta Sisner ta' 36 sena, baqgħet mejta tal-kolp. Oħtu l-oħra, Rosina ta' 39 sena, weġġgħet gravi. B'xorti tajba, il-kappillan ma ġralu xejn, minkejja li ma kienx bogħod wisq minn ħutu. (5)

Id-dar tan-naħa l-oħra tal-każin theżżet u niżlu xi soqfa wkoll. Taħthom intradmet Annunziata Muscat ta' 45 sena, iżda sabet 'il żewġha li ħelisha minn taħt il-ġebel. Hija ġarrbet ġrieħi f'daharha u f'sidirha. (6) Minbarra din Annunziata Muscat u Rosina Sisner, insibu għadd ta' nies li ntlaqtu f'din id-diżgrazzja. Fost dawk li ndarbu, jissemmew Francesco Muscat ta' 15-il sena, Pasquale Muscat ta' 16-il sena, Giuseppe Tanti ta' 23, Carmelo Sammut ta' 40 sena, Giuseppe Sammut ta' 25, u Carmelo Sammut ieħor ta' 15-il sena. (7)

Mingħajr telf ta' żmien, il-vittmi li nstabu u dawk li ndarbu gravi malajr ittieħdu lejn l-Isptar Ċentrali fil-Furjana sabiex issirilhom il-kura meħtieġa. L-iġsma tal-mejta kellha ssirilhom l-awtopsja mill-Maġistrat Dr. G.B. Mifsud. L-istess Maġistrat, l-għada li ġara l-każ, fetaħ inkjesta sabiex tistħarreġ sew il-kawżi ta' din id-diżgrazzja (8) li, kif qalet il-gazzetta "Il-Poplu Malti" tas-Sibt 24 t'Ottubru 1903, "bħalha ma niftakru qatt li nstemgħet f'Malta".




Il-Ġimgħa, eluf ta' nies minn kull rokna ta' Malta bdew ġejjin Ħal Balzan sabiex jaraw il-post tad-diżgrazzja. (9) Iżda għall-Balzanin kien jum ta' luttu, jum li fih id-dell tal-mewt kien jinħass tqil fuq ir-raħal kollu. L-għada, is-Sibt, sar il-funeral ta' dawn il-vittmi msejkna. Fl-għaxra ta' fil-għodu ndifnet Concetta Sisner fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata. Siegħa wara, ħames twiebet dehru ħierġa fuq l-idejn mill-kamra mortwarja ta' l-Isptar Ċentrali fost il-biki u l-ilfiq ta' ħafna qraba u ħbieb. Għall-ħabta tal-ħdax, il-ħames karrijiet bl-iġsma fuqhom bdew jitħarrku bil-mod il-mod fi triqthom lejn Ħal Balzan. Warajhom kien hemm għadd kbir ta' karrozzini u nies oħra li ħadu sehem fil-funeral bil-mixi. (10)

Hekk kif qorbu lejn ir-raħal bdew jinstemgħu t-tokki kiebja tal-qniepen ġejjin mill-Knisja Parrokkjali ta' l-Annunzjata. It-triq il-kbira u z-zuntier tal-Knisja kienu maħnuqa b'folol kbar ta' nies. Ħal Balzan kollu ħareġ bi ħġaru sabiex isellem għall-aħħar darba lil dawn ulied ir-raħal li ħallew ħajjithom iħabirku għall-festa għażiża tal-Lunzjata. Malli l-funeral rifes ir-raħal kien hemm xeni ta' qsim il-qalb li bil-mod tiddeskrivihom bil-kitba: biki, xegħir, għajjat, twerżiq, u lfiq; nisa, irġiel, u tfal irossu fuq xulxin sabiex jaraw għall-aħħar darba l-fdalijiet tal-għeżież tagħhom. It-twiebet fis ġew imdaħħla fil-Knisja: hemm saret quddiesa solenni 'praesente cadavere' u wara saret id-difna fl-istess Knisja. Antonio Falzon u Giuseppe Muscat indifnu fil-qabar numru 78, Paolo Muscat u Valentino Debono fin-numru 79, u Pio Muscat ġie midfun fil-qabar 31. (11)

Għar-raħal, din id-diżgrazzja ma kenitx tfisser biss it-telfa ta' ħames żgħażagħ fl-aqwa tagħhom. Kienet tfisser ukoll li ħames familji jew iktar kienu se jbatu l-ġuħ fi żmien meta l-faqar f'Malta kien xi ħaġa tal-għaġeb u meta l-mexxejja ma kenux għadhom ħolmu bl-għajnuniet soċjali li għandna llum. Biex tagħqad, fost dawk li tilfu ħajjithom u li ndarbu serjament kien hemm uħud li kienu rġiel tal-familja. Iżda Alla fil-providenza tiegħu qatt ma ħalla 'l ħadd imut bil-ġuħ u dejjem ftakar fil-magħkusin. Fir-raħal beda jsir ġbir għall-familji tal-vittmi, u l-Kappillan Sisner kien minn ta' quddiem nett li ta l-għajnuna tiegħu.

Barra dan, il-Kumitat tal-Banda Ċittadina 'La Vallette', li dak iż-żmien kellha bħala president lill-Avukat G. Adami, ġietu l-ideja sabiħa li jagħmel kunċert mużikali li d-dħul tiegħu jmur għall-familji tal-vittmi tad-diżgrazzja ta' Ħal Balzan. (12) Il-programm sar fil-ġonna ta' l-Argotti nhar il-Ħadd, 15 ta' Novembru 1903. Id-dħul kien ta' 27 lira sterlina, li ma kenitx somma kerha dak iż-żmien. (13)

Haqqha tifħir ukoll il-kumpanija teatrali 'L-Indipendenza' li l-Ħadd ta' wara, 22 ta' Novembru, għamlet reċta sabiħa fit-Teatru Manoel sabiex tgħin lill-familji Balzanin. Is-Sur Arpa, sid il-Manoel, ta s-sehem tiegħu wkoll billi offra b'xejn it-teatru; u s-sinjuri Cousis u Lapira ma naqsux li jgħinu wkoll: ta' l-ewwel ta b'xejn il-programmi, u l-ieħor il-parrokki. B'hekk kien hemm profitt ta' 22 lira, 13-il xelin, u disa' soldi, li s-Sur Arpa ppreżentahom lill-Kappillan Sisner. (14)

Ma ninsewx niftakru f'dawn il-vittmi msejkna fit-talb tagħna, l-aktar meta f'Novembru nżuru ċ-ċimiterju tagħna u nilmħu dik l-irħama li fuqha hemm minquxa ismijiethom.

---

(1) "The Daily Malta Chronicle" — 24.X.1903.
(2) Ibid.
(3) "Malta" — 23.X.1903.
(4) Reġistru Parrokkjali — Liber Defuncti IV.
(5) "The Daily Malta Chronicle" — 24.X.1903.
(6) "Malta" — 23.X.1903.
(7) Ibid.
(8) "The Daily Malta Chronicle" — 24.X.1903.
(9) Ibid.
(10) Ibid. — 26.X.1903.
(11) Reġistru Parrokkjali — Liber Defuncti IV.
(12) "Malta" — 29.X.1903.
(13) "Il-Poplu Malti" — 21.XI.1903.
(14) Ibid. — 5.XII.1903.